# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 6**

**Citaz. numru 645/81 JF**

**Paul Camilleri**

**vs**

**Silvio Mifsud u Adrian Mifsud bhala Diretturi, ghan-nom u in rapprezentanza tad-Ditta "S. Mifsud and Sons Limited" u dawn bhala agenti lokali tad-ditta estera "Tirrenia Navigazzjoni" ta' Napoli, Italia, u din bhala proprjeta' tal-vapur "Malta Express" u in rapprezentanza tal-istess u b'digriet tal-4 ta' Ottubru, 1982, tal-kumpanija "Formosa and Micallef Construction Company Limited" u b'digriet tal-Qorti tal-11 ta' Frar, 1983, Carmelo Formosa bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija "Formosa and Micallef Construction Company Limited".**

**Il-Qorti;**

**L-ATT TAC-CITAZZJONI**

L-attur ipproceda b'dan l-att tac-citazzjoni kontra s-socjeta' S. Mifsud and Sons Limited bhala agenti lokali tad-ditta estera "Tirrenia Navigazzjoni" ta' Napoli, Italia, u din bhala proprjetarja tal-valur "Malta Express" u din in rapprezentanza tal-istess :-

"L-attur ippremetta hekk :-

Premess li fit-13 ta' Marzu 1981, waslet f'Malta fuq il-vapur "Malta Express" merkanzija destinata lill-attur u proprjeta' tieghu, konsisenti fi crane, kwantita' ta' magni u spare parts 'second hand' u kwantita' ta' tyres 'second hand.

Premess li pero' fuq il-fattura relattiva, fattura numru 21 datata 12 ta' Marzu 1981 (dokument X) oltre l-effetti fuq indikati giet indikata wkoll mid-ditta estera konvenuta "Tirrenia Navigazioni" l-ezistenza ta' truck mixer li in realta' la kien destinat lili u lanqas huwa proprjeta' tal-attur.

Premess li fit-23 ta' Marzu 1981, l-attur gie kostrett ihallas lid-ditta konvenuta s-somma komplessiva ta' Lm1,080.32,8 (dokument Y) bhala 'freight' u 'landing charges', sabiex seta' jiehu konsenja tal-effetti lilu destinati u proprjeta' tieghu.

Premess li tali ammont ta' Lm1,080.32,8 pero' in realta' kien jinkludi wkoll il-hlas tal-'freight' u 'landing charges' relattivi ghat-'truck mixer' li la kien destinat lil u lanqas huwa proprjeta' tal-attur.

Premess li ghalhekk fl-imsemmi pagament totali ta' Lm1,080.32,8 kien hemm hlas ta' indebitu mill-attur lill-konvenuti nomine fl-ammont li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Talab il-konvenuti nomine ghar-ragunijiet fuq premessi :-

1. Jigi dikjarat u deciz minn dina l-Onorabbli Qorti illi l-pagament maghmul mill-attur lill-konvenuti nomine fl-ammont ta' Lm1,080.32,8 fit-23 ta' Marzu 1981, jinkludi fih hlas ta' indebitu mill-istess attur lill-konvenuti nomine, relattiv tali indebitu ghall-

‘frieght’ u ‘landing charges’ imhallsa ghall-‘truck mixer’, erronjament inkluz fil-fattura numru 21 tat-12 ta’ Marzu 1981, liema ‘truck mixer’ in realta’ la kien destinat lil u lanqas huwa proprjeta’ tal-attur.

2. L-ammont ta’ tali indebitu jigi likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti, occorendo permezz ta’ periti nominandi.

3. Il-konvenuti nomine jigu kkundannati minn dina l-Onorabbli Qorti jirrifondu lill-attur l-istess indebitu minnhom hekk inkassat, fl-ammont li jigi determinat in forza tat-tieni domanda ta’ dina c-citazzjoni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk taz-zewg ittri ufficjali datati rispettivament 2 ta’ April 1981 u t-2 ta’ Gunju 1981, kontra l-konvenuti nomine.”

**ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA’ KONVENUTA**

Is-socjeta’ konvenuta hekk eccepiet ghat-talbiet attrici :-

“1. Illi mhux minnu illi fil-fattura (dokument X) gie ndikat mid-ditta konvenuta l-ezistenza ta’ ‘truck mixer’ li mhux proprjeta’ ta’ l-attur stante li l-istess fattura attwalment giet komilata minn rapprezentant ta’ l-attur stess u ghalhekk il-konvenuti hadmu l-‘freight’ abbazi ta’ dak hekk dikjarat, u sa fejn jafu huma tnizzel il-‘lorry’ kontenenti dak li suppost gie dikjarat li tnizzel.

2. Ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez.”

**ECCEZZJONIJIET ULTERJURI**

L-istess socjeta’ konvenuta hekk eccepiet ulterjorment :-

“Illi skond kif jirrizulta mill-‘Bill of Lading’ stess u minn dokumenti ohrajn, il-merkanzija tal-attur kienet giet indikata fil-Polza tal-Karigu minn certu Raimondo Barbieri li kien ir-rapprezentant tal-attur stess u ghalhekk kwalsiasi azzjoni li ghandu l-attur, jekk

huwa l-kaz, hija kontra l-ispedizzjonier tieghu stess. L-esponeneti m'ghandux alternattiva hlief li jitlob u jesigi n-noll lilu dovut skond il-Polza tal-Karigu."

**DIGRIETI**

B'digriet tal-4 ta' Ottubru 1982 u b'iehor tal-11 ta' Frar 83, giet kjamata fil-kawza s-socjeta' Formosa and Micallef Construction Company Limited Din is-socjeta' hekk eccepiet fil-mertu :-

" . . . . . . . . . . . omissis . . . . . . . . . . .

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal premess il-kjamati in kawza ghandhom jigu liberati mill-osservazzjoni tal-gudizzju peress li la ghandhom u lanqas qatt kellhom ebda rapport guridiku mal-attur.

3. Illi inoltre u wkoll bla pregudizzju ghall-premess is-socjeta; kjamata in kawza hallset lid-ditta konvenuta l-ammont kollu minnha dovut bhala 'freight' u 'landing charges' ghall-ingenji destinati lilha skond il-fattura relattiva, fattura numru 20 datata 12 ta' Marzu 1981 (dokument A), liema ngenji waslu Malta fuq il-vapur in kwistjoni."

**ECCEZZJONI ULTERJURI TAL-KJAMATA FIL-KAWZA**

L-istess socjeta' hekk eccepiet ulterjorment :-

"Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia minnhom sollevati u pprezentati fi Frar 1982 a fol 20 tal-process kull azzjoni dwar hlas ta' noll hija preskritta wara t-terminu perentorju ta' sena mid-data meta jispicca l-vjagg ai termini tal-artikolu 544A tal-kapitolu 13. Jigi rilevat li l-azzjoni attrici mhix dik ta' noll u l-kjamati in kawza qatt sal-lum ma gew interpellati biex ihallsu xi noll lanqas

permezz ta' atti gudizzjarji u ghalhekk tapplika wkoll il-preskrizzjoni premessa."

**DECIDE**

B'sentenza tal-20 ta' April 1983 l-ewwel Qorti hekk iddecidiet il-kawza :-

"Tiddeciedi billi, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza u t-talbiet tal-attur fil-konfront biss tal-konvenuti nomine, u filwaqt ukoll li specifikament tirrigetta l-eccezzjoni ulterjuri tal-istess kjamat in kawza dwar preskrizzjoni li ma tirrizultax fondata, tilqa' l-ewwel u t-tielet talbiet attrici kif dedotti fil-konfront biss tal-kjamat in kawza u billi t-tieni talba ghadha fi stat li ghad trid tigi determinata ghall-fini ta' likwidazzjoni, taghti ghaxart (10) ijiem zmien lill-attur mil-lum biex jipprezenta prospett dettaljat indikanti bl-ezatt kemm gieli hallas in eccezz minn naha tieghu – b'rizerva ta' provi ulterjuri lill-kjamat in kawza dwar din it-tieni talba dwar il-'freight' u 'landing charges' u fin-nuqqas tiddeciedi bhal li kieku ma ngiebux provi. Il-kap tal-ispejjez dwar it-talbiet decizi jithallsu mill-kjamat in kawza, dawk pero' relattivi ghall-konvenut nomine jithallsu mill-attur. Tibqa' differita dwar it-tieni talba kif fuq inghad."

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

"Il-Qorti tibda biex tirrileva li kawza bhal din in ezami setghet giet facilment deciza wara s-smiegh tax-xhieda spiccat invece biex iddilungat ruhha ghal diversi snin principalment minhabba li ghadd kbir ta' seduti ghall-gbir tal-provi nzammu utilment daqqa ghal raguni u daqqa ghal ohra.

Meta l-Qorti giet biex tezamina l-provi ma sabitx xi diffikulta' kbira biex tasal ghall-konkluzzjoni tal-vertenza. Jirrizulta ibda biex bic-car illi wara li giet impurtata f'Malta partita merkanzija destinata in parte biss lill-attur irrizulta bhala fatt li minkejja dak li kien

jispecifika l-polza tal-kariku, tali merkanzija ma kienitx kollha ddestinata ghall-attur. Dan gara peress li sar xi zball mill-ispedizzjonijiet ta' l-istess attur. Il-provi inoltre wrew li parti mill-istess merkanzija kienet in realta' destinata ghas-socjeta' kkjamata fil-kawza, u cioe' s-socjeta' Formosa and Micallef Construction Company Limited. Kif inhi rapprezentanza mill-konvenuti Carmelo u Nicholas Formosa nomine. Irrizulta allura li billi s-socjeta' konvenuta "S. Mifsud and Sons Limited" bhala agent lokali tal-kumpanija estera "Tirrenia Navigazione" mxiet fuq il-polza ta' kariku li kellha quddiemha, hija bi zball evidenti izda genwin fic-cirkostanzi, hija addebitat il-kont intier lill-attur. L-attur minn naha tieghu, safa' kostrett li jhallas izda in segwitu pprotesta ruhu ghall-hlas indebitu. In konsegwenza ta' dan kollu, l-ammont ta' Lm1,080.32,8 li effettivament thallas mill-attur lis-socjeta' konvenuta fit-23 ta' Marzu 1981, kien jinkludi u jikkomprendi hlas suppost dovut mill-kjamat in kawza. Dan kollu jirrizulta mill-provi u ghaldaqstant il-Qorti ma tasalx biex tifhem kif, fic-cirkostanzi, l-istess kjamat in kawza jibqa' jinsisti li m'hemmx relazzjoni guridika bejnu u bejn l-attur a bazi tal-<u>indebito solutio</u>. <u>Parti</u> mill-ammont imhallas mill-attur kien messu gie mhallas mill-kjamat in kawza u ghalhekk relazzjoni hemm. Dana ghar-raguni li l-merkanzija, konsistenti fi 'truck mixers' mhux biss kienet giet ordnata mis-socjeta' kjamata fil-kawza imma talli inoltre giet ukoll ikkonsenjata lilha biex taghmel uzu minnha. Wara li kienet ilha pendenti madwar ghaxar (10) snin il-vertenza, l-kjamati in kawza eccepew ukoll ulterjorment il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 544A tal-kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta. Filwaqt li din il-preskrizzjoni ghall-hlas ta' noll hija wahda ta' sena, l-istess eccipjent – ara nota ulterjuri tal-14 ta' Dicembru 1992, jghid testwalment hekk :-

"Jigi rilevat li l-azzjoni attrici m'hijiex dik ta' noll ……."

<u>Rebus si stantibus</u>, il-Qorti ma tarax kif tista' tapplika tali preskrizzjoni meta ma huwiex il-kaz. Effettivament ghalkemm l-ammont thallas fuq noll, il-kawza in realta' hija dwar hlas li giet effettwat indebitament minhabba zball. Ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll tal-kjamat in kawza bhal dawk ta' qabilha qeghdin jigu respinti. Fil-fehma tal-Qorti kull hlas indebitu jrid jigi rifuz mill-kjamat in kawza lill-attur.

Billi l-partijiet ikkoncentraw principalment il-provi taghhom dwar l-ewwel u t-tielet talbiet tac-citazzjoni u m'ghaddewx ukoll biex jistabbilixxu sewwa sew kemm kellu jithallas u x'kien is-sehem ta' kull wiehed miz-zewg importaturi (jigifieri l-attur u l-kjamat in kawza) bhala sehemhom minn noll, il-Qorti sejra ghalissa tissofferma u tillimita ruhha ghall-ewwel u t-tielet talbiet."

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Minn din is-sentenza appellat biss is-socjeta' kjamata fil-kawza. L-attur ma appellax minnha in kwantu din illiberat lis-socjeta' S. Mifsud and Sons Limited nomine minn kull addebitu. Fir-rigward ta' dik is-socjeta' allura s-sentenza appellata ghaddiet in gudikat.

L-ewwel aggravju tas-socjeta' appellanti kjamata fil-kawza hu illi mill-provi rrizulta bla ebda dubbju li l-kawza kienet intavolata mill-attur "a bazi tal-Artikoli 1021/1022 tal-Kap 12" (recte tal-Kap 16). Kienet l-azzjoni "indebiti solutio" mahsubau assuma biex "kull min jircievi sew xjentament jew bi zball haga li hu ma kellux jiehu la taht obbligazzjoni civili u lanqas naturali ghandu jrodda lil dak li min ghandu jkun irciviha bla jedd" (Artikolu 1021). Inoltre "kull min billi jahseb bi zball li hu debitur ihallas dejn ghandu jedd jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur" (Artikolu 1022 (1)).

Is-socjeta' appellanti issostni illi una volta l-attur fic-citazzjoni qed jippretendi li jhallas l-ammont mertu tal-kawza bhala "freight" u "landing charges" lill-konvenuti nomine – u cioe' lis-socjeta' konvenuta S. Mifsud and Sons Limited nomine – l-istess socjeta' kjamata fil-kawza kienet ghal kollox estranja ghal dak il-mertu stante li hija qatt ma rcievet ebda ammont kwalsiasi minghand l-attur. Konsegwentement huma jibqghu

jsostnu l-eccezzjoni taghhom illi ma kienet tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta' kjamata fil-kawza u l-attur.

Il-Qorti kellha necessarjament tezamina qabel xejn in-natura tal-azzjoni kif originarjament proposta kontra s-socjeta' konvenuta. Din certament kienet tinkwadra ruhha fl-artikoli appena citati ghaliex ma kienx hemm dubbju illi l-attur qieghed jippretendi minghand is-socjeta' konvenuta dik il-parti mis-somma li hu hallasha u li hi rceviet fid-drittijiet li wara rrizulta li ma kienx lilu dovut. L-attur qieghed infatti jezigi hlas lura ta' ammont li gie indebitament minnu mhallas lis-socjeta' konvenuta ghall-servizzi prestati meta rrizulta li tali servizzi kienu gew prestati fl-interess ta' socjeta' ohra, dik kjamata fil-kawza u li kienet allura tenuta li thallashom.

L-attur kellu jekk ried jittanta l-azzjoni tal-indebitu b'success l-obbligu li jipprova t-tlett elementi tal-azzjoni. Dawn huma :-

(a) Illi huwa hallas l-ammont minnu reklamat.

(b) Li dak li hallas ma kienx minnu dovut lil min hallsu.

(c) Li kien hekk hallas minhabba zball.

"Il-ligi taghti l-azzjoni ghar-radd tal-hlas mhux misthoqq mhux biss meta kull ma thallas ma kienx misthoqq ; imma wkoll meta ghalkemm xi hlas kien misthoqq hallas izjed minn kemm kien misthoqq u jekk jigri hekk min ihallas jista' jfittex ghar-radd taz-zejjed imhallas. Biex ir-radd tal-hlas mhux misthoqq jista' jintalab bil-jedd jenhtieg li dan il-hlas ikun sar <u>bi zball</u> u dana l-izball kien "di fatto"." (Volum XXIX.ii.5v3).

Stabbilit dan il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet :-

1. Ma jirrizulta li hemm l-ebda kontestazzjoni fir-rigward tal-ammont li kien dovut lid-ditta konvenuta bhala 'freight' u 'landing charges' u l-merkanzija li kienet destinata Malta fuq il-vapur "Malta Express" li b'dak l-ammont kien jirrizulta minn fattura relattiva ghal dik il-merkanzija datata 12 ta' Marzu 1981. Lanqas hemm kwistjoni dwar il-fatt illi dan l-ammont minn xi hadd kien dovut lis-socjeta' konvenuta nomine ghaliex is-servizzi li kien jirrapprezenta kienu effettivament gew prestati.

2. Lanqas jidher li hemm tant kontestazzjoni mis-socjeta' appellanti, li donnha prattikament tinjora l-kostatazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward, illi l-izball fil-fattura kien sar minn min kien spedixxa l-merkanzija li naqas li jispecifika bi precizzjoni liema parti tal-merkanzija kienet indirizzata ghall-attur u liema kienet indirizzata lis-socjeta kjamata fil-kawza.

3. Jirrizulta wkoll provat ghas-sodisfazzjon tal-ewwel Qorti – u wkoll f'dan ir-rigward din il-Qorti ma tara xejn rejalment ta' sostanza fl-aggravju tal-appellant nomine li jiskossaw din il-konvinzjoni - illi s-socjeta' konvenuta ma kellha l-ebda responsabbilita' ghal dak l-izball li gara in kwantu hi kienet imxiet, strettament skond kif dover u obbligu taghha, skruplozament mal-kontenut tal-polza ta' karigu. Hi kienet spediet il-kont tal-garr kollu lill-attur ghax hekk kienet tindika l-bill of lading. Is-socjeta' konvenuta la kellha l-mezz li tkun taf li dak id-dokument portwali kien zbaljat u wisq anqas setghet minn rajha tiddipartixxi mill-kontenut tieghu li hi kellha necessarjament tippresupponi li kien korrett.

4. Mill-banda l-ohra l-attur kellu bilfors ihallas biex jiehu l-merkanzija tieghu apparti l-fatt li facilment seta' kien il-kaz li f'dak il-mument lanqas kien apprezza l-izball li kien hemm fil-polza. Jibqa' pero' l-fatt provat illi parti minn dak l-ammont minnu mhallas kien attwalment dovut mis-socjeta' kjamata fil-kawza. Dan iffisser illi ammont fil-fatt thallas mill-attur meta dan ma kienx minnu dovut ; li ma thallasx mis-socjeta' kjamata fil-kawza meta dan suppost kellu jithallas minnha, u li konsegwentement allura l-attur effettivament hallas dak li kien dovut minn haddiehor u fl-interess ta' haddiehor meta dan ma kienx minnu dovut. Mill-banda l-ohra s-socjeta' konvenuta zbaljatament anke jekk in buona fede accettat minghand l-attur, almenu in parte, dak li ma kienx minnu rejalment dovut. Irrizultaw allura provati l-elementi essenzjali tal-

azzjoni tal-"indebiti solutio" li minnha wkoll temergi, kuntrarjament ghal dak li ssostni s-socjeta' kjamata fil-kawza, r-relazzjoni guridika azzjonabbli gudizzjarjament bejna u bejn is-socjeta' konvenuta u l-attur. Dana fil-procedura bhal dik taht ezami immirata biex is-socjeta' kjamata fil-kawza tigi kundannata thallas dak li kien minnha dovut u li zbaljatament hallas floku l-attur li minghandu s-socjeta' konvenuta rcevietu indebitament.

Aggravju iehor tas-socjeta' appellanti, s-socjeta' kjamata fil-kawza kif citata u cioe' "Formosa and Micallef Construction Company Limited" hu fis-sens illi dik is-socjeta' ma kienitx dik indikata fil-polza ta' karigu li fil-fatt kien jisimha "Formosa and Micallef Company Limited". Is-socjeta' appellanti ssostni illi s-socjeta' "Formosa and Micallef Company Limited" ma kienitx ghada tezisti bl-istess isem, li kienet biddlet isimha u li f'kull kaz ma kienitx l-istess socjeta' appellanti. Dan l-aggravju hu ghal din il-Qorti insostenibbli jekk xejn ghaliex gie sollevat l-ewwel darba f'din l-istanza u ma jikkostitwix il-mertu ta' eccezzjoni quddiem il-prim istanza.

Din il-Qorti qed tiskarta dan l-aggravju mhux biss ghaliex dwaru ma tirrizulta l-ebda prova fil-process u dan wahdu kien bizzejjed biex din il-Qorti tinjorah imma wkoll ghaliex is-socjeta' appellanti kjamata fil-kawza kellha kull opportunita' illi tiddefendi ruhha billi tezimi ruhha minn kull responsabbilita' anke b'eccezzjoni li tirrifletti dan l-aggravju imma dan

ghazlet illi ma taghmlux. Fic-cirkostanzi ghalhekk japplika l-principju "inputet sibi" u din il-Qorti ma tistax ma tqisx l-aggravju bhala wiehed intiz biss biex jigu ntralcjati bla bzonn il-proceduri f'tentattiv tas-socjeta' appellanti li tahrab mir-responsabbiltajiet taghha billi tistahba wara allegat zball li kienet fl-ahhar mill-ahhar obbligata hi stess li tirretifika quddiem l-ewwel Qorti.

Is-socjeta' appellanti wkoll terga' tirribadixxi l-ilment taghha illi l-azzjoni proposta kienet preskritta liema eccezzjoni giet redatta f'dawn it-termini "illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet diga' minnhom sollevati ……. kull azzjoni dwar hlas ta' noll hija preskritta wara t-terminu perentorju ta' sena mid-data meta jispicca l-vjagg ai termini tal-artikolu 544 A tal-Kap 13. Jigi rilevat illi l-azzjoni attrici mhix dik ta' noll u l-kjamati fil-kawza qatt sal-lum ma gew interpellati biex ihallsu xi noll lanqas permezz ta' xi att gudizzjarju u ghalhekk tapplika wkoll il-preskrizzjoni premessa." Eccezzjoni li din il-Qorti sincerament, kif redatta, ma fehmitiex. Dan ghaliex is-socjeta' appellanti donnha qeghda tadduci terminu preskrittiv estintiv tal-azzjoni meta hi stess tiddikjara li dik ma kienitx l-azzjoni proposta mill-attur appellat. Del resto l-istess eccezzjoni ma tindikax, skond hi, x'kienet in-natura tal-azzjoni proposta u konsegwentement liema preskrizzjoni kienet applikabbli ghal tali eccezzjoni. Il-konsiderandi f'dan ir-rigward tas-sentenza appellata huma korretti u din il-Qorti taqbel maghha li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma kienitx sostenibbli. Fir-rigward tal-mertu jidher illi l-apprezzament tal-provi

maghmul mill-ewwel Qorti fuq id-dokumentazzjoni sottomessa bhala prova mill-kontendenti jidher li hu korrett u ma kienx hemm lok li jigi minn din il-Qorti disturbat.

Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi s-sottomissjonijiet illi s-socjeta' appellanti taghmel fir-rigward tal-provi prodotti, bl-ebda mod ma jirrizultaw fis-sottomissjonijiet li hi ghamlet fin-nota tal-osservazzjonijiet li ssottomettiet quddiem l-ewwel Qorti. F'dik in-nota hi llimitat ruhha ghall-punti tad-dritt li eventwalment ifformaw il-bazi tal-aggravju quddiem din il-Qorti li gew aktar 'il fuq trattati. Din il-Qorti ta' revizjoni ma jidhriliex li f'dan l-istadju kien lecitu li tigi sottomessa lilha argumentazzjoni dwar il-fatti meta dawn ikunu diga' gew epurati mill-ewwel Qorti multo magis meta din l-argumentazzjoni ma tkun bl-ebda mod facilment apprezzabbli abbazi ta' dokumenti u provi prodotti. Certament din il-Qorti ma kienitx mistennija li taghmel ezercizzu ta' din ix-xorta ghoxrin sena wara li sehh il-fatt. L-aggravju fil-mertu ghalhekk ma jirrizultax sostnut.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata. L-ispejjez tal-prima istanza jibqghu kif gja' mill-ewwel Qorti decizi. Dawk ta' din l-istanza kellhom ikunu a karigu tas-socjeta' appellatanti.

Dep/Reg

mg